MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 82/2009

**Three Jays Limited, Small Properties Limited, u Mariella Mercieca**

**Vs**

**Joseph u Bernardette konjugi Muscat**

Permezz ta’ din il-kawza[1] l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti m’ghandhomx titolu fuq porzjon art maghrufa bhala l-Hotba ta’ San Gwann sive Ta’ San Gwann fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex u parti mibnija fl-art maghrufa bhala l-Hotba ta’ San Gwann sive Ta’ San Gwann fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex, u sabiex jigu kundannati minn dik il-parti tal-art li qeghdin jokkupaw. Dan wara li l-atturi ppremettew li huma proprjetarji tal-art li fiha kejl ta’ sitt elef sitt mija u sebgha u sebghin metri kwadri (6,677 mk). Il-kawza saret bil-procedura sommarja

[1] Prezentata fis-16 ta’ Novembru 2010.

specjali skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u l-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu.

Permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Dicembru 2009 il-qorti tat lill-konvenuti l-opportunita' li jiddefendu ruhhom u jipprezentaw risposta guramentata, u ddiferiet il-kawza ghas-smiegh tal-provi kollha u finali trattazzjoni ghas-seduta tal-5 ta' Frar 2010 fit-8.00 a.m.

Il-konvenuti ma pprezentawx risposta guramentata.

Permezz ta' rikors kongunttiv prezentat mill-partijiet fl-14 ta' Jannar 2010 iddikjaraw li l-partijiet ittransigew il-kawza skond l-iskrittura privata annessa mal-istess rikors, u talbu lill-qorti sabiex taghti sentenza ai termini tal-istess.

Permezz ta' digriet moghti fl-14 ta' Jannar 2010 il-qorti rrikjamat is-smiegh tal-kawza ghas-seduta tal-lum.

Permezz tal-iskrittura l-partijiet ftehemu:-

***"1. Illi s-sidien qeghdin jittoleraw lill-komparenti konjugi Muscat sabiex jibqghu jaghmlu uzu mill-ambjenti kollha li qeghdin jokkupaw illum salv ghal parti markata bil-blu fuq il-pjanta annessa liema parti ghandha tkun minn issa ad uzu esklussiv tas-sidien.***

***2. Illi l-parti illi ghandhom ikunu fl-okkupazzjoni taghha l-komparenti konjugi Muscat hija dik il-parti li qed tigi markata bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa.***

***3. Illi fejn din il-parti bl-ahmar qeghda tirreferi ghall-bini, din ir-riferenza qeghda ssir biss ghal pjan terren ta' l-istess bini u mhux is-sular ta' fuq.***

***4. Illi l-komparenti konjugi Muscat accettanti din il-koncessjoni jintrabtu illi jizgumbraw mil-ambjenti kollha minnhom okkupati kwantu ghal parti markata bil-blu sa mhux aktar tard minn l-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena korrenti elfejn u ghaxra (2010) u kwantu ghal parti markata bl-ahmar sa mhux aktar***

***tard mil-hmistax (15) ta' Gunju 2010. Kemm il-darba dawn it-termini jew xi wiehed minnhom, ma jigux irrispettati, l-komparenti konjugi Muscat ikunu hatja a favur tas-sidien versu penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal kull jum ta' nuqqas cioe' ghal kull jum bejn id-data li fiha s-sidien suppost hadu l-pussess ta' l-immobbli sad-data li fiha s-sidien effettivament jiehdu f'idejhom l-istess pussess ta' immobbli.***

***5. Il-komparenti Muscat jirriservaw illi jiehdu l-gebel li fil-prezent qed iservi biex jaghlaq ossia jifred l-annimali minn xulxin.***

***6. Illi kemm il-darba t-termini ta' din l-iskrittura jigu rispettati, s-sidien qeghdin min issa jirrinunzjaw ghal qualsiasi danni ta' kwalunkwe indoli, xorta u natura spettanti lilhom minhabba l-agir tal-komparenti konjugi Muscat.***

***7. Illi l-partijiet jaqblu illi t-termini kollha ta' din l-iskrittura ghandhom jigu nkorporati f'sentenza illi ghandha tinghata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri – Gurisidzzjoni Generali fil-kawza fuq imsemmija.***

***8. Illi l-partijiet qeghdin jiftehemu illi kull parti ghandha taghmel tajjeb ghal ispejjez taghha fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet Three Jays Limited et vs Joseph Muscat et***

***9. Illi salv il-premess, il-partijiet jiddikjaraw li ma fadlilhom l-ebda pretensjoni ta' l-ebda xorta jew natura fil-konfront ta' xulxin.”***.

Peress li l-partijiet qeghdin jaqblu li dak pattwit fl-iskrittura ghandu jigi nkorporat f'sentenza, il-qorti qeghda taghti din is-sentenza.

Ghaldaqstant, il-qorti filwaqt li tikkonferma t-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet permezz tal-iskrittura privata li giet iffirmata fil-11 ta' Jannar 2010 taht il-pattijiet u kundizzjonijiet pattwiti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu fuq dik il-parti li qeghdin jokkupaw mill-art maghrufa bhala l-Hotba ta' San Gwann sive ta' San Gwann fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka sitt elef sitt mija u sebgha u sebghin metri kwadri (6,677 mk) u accessibbli minn Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, liema art hi konfinanti mit-tramuntana ma' beni tal-eredi tal-perit Paul Mercieca u hutu, mil-lvant ma diversi proprjetajiet ta' Dr Arthur Mercieca u ohrajn, u min-nofsinhar in parti ma' sqaq u in parti mal-eredi ta' Maria Borg.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-ambjenti kollha li qeghdin jokkupaw minn din l-art, in kwantu ghal dik il-parti tal-art murija fil-pjanta annessa mal-iskrittura ta' transazzjoni:-

(a) Bil-kulur blu sa mhux aktar tard mill-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

(b) Bil-kulur ahmar[2] sa mhux aktar tard mill-hmistax-(15) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Fl-eventwalita' li l-konvenuti jonqsu milli jizgumbraw minn xi parti mill-art fid-dati fuq imsemmija, tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mitt ewro (€500) ghal kull gurnata li tghaddi bejn id-data li fiha l-atturi suppost hadu l-pussess tal-immobbli sad-data li fiha l-atturi effettivament jiehdu f'idejhom il-pussess tal-immobbli.

Kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fejn hemm il-bini f'dik il-parti tal-pjanta murija bil-kulur ahmar, il-konvenuti qeghdin jinghataw terminu sal-15 ta' Gunju 2010 bis fir-rigward tal-pjan terran u mhux is-sular ta' fuq.